

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, ...  
Ċ

Abbozz tar-

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...**

**ta' [...]**

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru .../.... li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

Abbozz tar-

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...**

**ta' [...]**

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru .../.... li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 8(5) tagħha,

Billi:

- (1) L-operaturi u l-persunal involuti fl-operat ta' ċerti inġenji tal-ajru għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (2) Skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008, il-Kummissjoni għandha tadotta r-regoli ta' implimentazzjoni neċessarji sabiex jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet għat-tħaddim mingħajr periklu tal-inġenji tal-ajru.
- (3) Ir-Regolament preżenti jemenda r-Regolament (UE) Nru. .../.... sabiex ikun jinkludi aspetti partikolari relatati ma' operazzjonijiet kummerċjali ta' trasport bl-ajru bi gliders u blalen tal-arja u ċerti operazzjonijiet lokali b'ajruplani u ħelikopters.
- (4) Sabiex jiġu żgurati tranżizzjoni bla xkiel u livell għoli ta' sigurtà tal-avjazzjoni ċivili fl-Unjoni Ewropea, il-miżuri ta' implimentazzjoni għandhom jirriflettu l-istat l-aktar avanzat, inklużi l-aqwa prassi, u l-progress tekniku u xjentifiku fil-qasam tal-operazzjonijiet tal-ajru. Għaldaqstant, għandhom jiġu kkunsidrati r-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri amministrattivi maqbula taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili u tal-Awtoritajiet Ewropej tal-Avjazzjoni Konġunta sat-30 ta' Ġunju 2009, kif ukoll il-leġiżlazzjoni eżistenti li tappartjeni għal ambjent nazzjonali speċifiku.
- (5) Jeħtieġ li jingħata biżżejjed żmien għall-industrija ajrunawtika u għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri sabiex jadattaw għall-qafas regolatorju l-ġdid.
- (6) L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ħejjiet abbozz ta' regoli ta' implimentazzjoni u ssottomettiethom bħala opinjoni lill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

---

<sup>1</sup> ĠU L 79, 13.3.2008, p.1.

- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru .../.... huwa emendat kif ġej:

1. Fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1, il-kliem 'operazzjonijiet kummerċjali ta' trasport bl-ajru b'ajruplani u ħelikopters' għandu jinbidel bil-kliem 'operazzjonijiet kummerċjali ta' trasport bl-ajru b'ajruplani, ħelikopters, gliders u blalen tal-arja'.
2. Fl-Artikolu 1, jiżdied paragrafu 2 ġdid:  
'2. Dan ir-Regolament jippreskrivi wkoll regoli dettaljati għall-operazzjonijiet kummerċjali ta' trasport bl-ajru li jibdew u jintemmu fl-istess ajrudrom/sit operattiv b'ajruplani u ħelikopters mhux komplessi bi Klassi ta' Kapaċità B.'  
Il-paragrafi li ġejjin għandhom jiġu numerati mill-ġdid.
3. Fl-Artikolu 1, jiżdied il-paragrafu li ġej:  
'6. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal operazzjonijiet tal-ajru bi blalen tal-arja u airships marbutin mal-art, kif ukoll għal titjiriet bi blalen tal-arja marbutin mal-art.'
4. Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 għandu jitħassar, filwaqt li l-paragrafi kollha li ġejjin għandhom jiġu numerati mill-ġdid.
5. Fl-Artikolu 7, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:  
'3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw ukoll għall-operazzjonijiet CAT li jibdew u jintemmu fl-istess ajrudrom/sit operattiv b'ajruplani u ħelikopters mhux komplessi bi Klassi ta' Kapaċità B.'
6. Fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8, il-punt (b) għandu jinbidel minn '(b) għal operazzjonijiet CAT b'ħelikopters, blalen tal-arja u gliders, rekwiżiti nazzjonali.'
7. Fl-Artikolu 10, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:  
'5. Permezz ta' deroga mit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-Annessi III u IV tar-Regolament (UE) .../.... għal:  
(a) operazzjonijiet CAT li jibdew u jintemmu fl-istess ajrudrom/sit operattiv b'ajruplani u ħelikopters mhux komplessi bi Klassi ta' Kapaċità B sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]; u  
(b) operazzjonijiet CAT bi blalen tal-arja u gliders sa [3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].'
8. Fl-Anness I, tiżdied id-definizzjoni li ġejja u d-definizzjonijiet sussegwenti kollha jiġu numerati mill-ġdid:  
'12. "Massa vojta tal-blalen tal-arja" tfisser il-massa ddeterminata billi l-ballun tal-arja jintiżen bit-tagħmir kollu installat kif speċifikat fl-AFM.'
9. Fl-Anness I, id-definizzjoni ta' 'tagħbija tat-traffiku' għandha tinbidel b'din li ġejja:

“Tagħbija tat-traffiku” tfisser il-massa totali tal-passiġġieri, il-bagalji, il-merkanzija u t-tagħmir speċjalizzat li jista’ jinġarr u, għajr għall-blalen tal-arja, inkluż kwalunkwe savorra.’

10. Fl-Anness II jitħassar il-paragrafu ARO.OPS.210.
11. Fl-Anness II il-paragrafu ARO.OPS.100, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

‘(c) L-awtorità kompetenti tista’ tiddetermina limitazzjonijiet operattivi speċifiċi. Tali limitazzjonijiet għandhom jiġu ddokumentati fl-OPSPECS.’
12. Fl-Anness III, il-paragrafu ORO.GEN.110 (j) ‘Għajr għal operazzjonijiet b’ajruplani jew ħelikopters ikklassifikati bħala ELA li jitolqu u jillandjaw fl-istess ajrudrom jew sit operattiv, taħt VFR matul il-ġurnata, u għal operazzjonijiet bi gliders u blalen tal-arja,’ jiżdied fil-bidu tas-sentenza.
13. Fl-Anness III, il-paragrafu ORO.AOC.135, is-subparagrafu (a)(4) jinbidel minn:

‘(4) l-ajrunavigabilità kontinwa jekk tkun meħtieġa mir-Regolament (KE) Nru 2042/2003.’
14. Fl-Anness III, il-paragrafu ORO.AOC.140 ‘Għajr għal operazzjonijiet b’ajruplani jew ħelikopters ikklassifikati bħala ELA li jitolqu u jillandjaw fl-istess ajrudrom jew sit operattiv, taħt VFR matul il-ġurnata, u għal operazzjonijiet bi gliders u blalen tal-arja,’ jiżdied fil-bidu tal-ewwel sentenza.
15. Fl-Anness III, il-paragrafu ORO.MLR.101 ‘Għajr għal operazzjonijiet b’ajruplani jew ħelikopters ikklassifikati bħala ELA li jitolqu u jillandjaw fl-istess ajrudrom jew sit operattiv, taħt VFR matul il-ġurnata, u għal operazzjonijiet bi gliders u blalen tal-arja,’ jiżdied fil-bidu tal-ewwel sentenza.
16. Fl-Anness III, il-paragrafu ORO.MLR.115 (b)(4) jinbidel minn:

‘(4) notifika ta’ tagħbijiet speċjali, inkluż tagħrif bil-miktub lill-kmandant/bdot fil-kmand dwar oġġetti perikolużi, jekk applikabbli.’
17. Fl-Anness III, il-paragrafu ORO.FC.005 jinbidel minn:

‘(a) Din is-Subparti tistabbilixxi rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati mill-operatur fir-rigward tat-taħriġ, l-esperjenza u l-kwalifiki tal-ekwipaġġ tat-titjira u tikkonsisti minn:

  - (1) Taqsima 1 li tispesjifika rekwiżiti komuni applikabbli kemm għal operazzjonijiet mhux kummerċjali ta’ inġenji tal-ajru b’ magni kumplessi, kif ukoll għal kwalunkwe operazzjoni kummerċjali;
  - (2) Taqsima 2 li tispesjifika rekwiżiti addizzjonali applikabbli għal operazzjonijiet kummerċjali ta’ trasport bl-ajru, bl-eċċezzjoni ta’ dawk imsemmija fil-punt (b); u
  - (3) Taqsima 3 li tispesjifika rekwiżiti addizzjonali applikabbli għal operazzjonijiet kummerċjali għajr it-trasport kummerċjali bl-ajru.

(b) L-operaturi li jagħmlu l-operazzjonijiet kummerċjali ta’ trasport bl-ajru li ġejjin għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti msemmija fil-punti (a)(1) u (3):

  - (1) operazzjonijiet kummerċjali ta’ trasport bl-ajru ta’ gliders jew blalen tal-arja; jew
  - (2) operazzjonijiet kummerċjali ta’ trasport bl-ajru tal-passiġġieri mwettqa taħt regoli tat-titjir viżiv (VFR) matul il-ġurnata, li jibdeu u jintemmu fl-istess ajrudrom jew sit operattiv u b’tul massimu ta’ 30 minuta, jew fil-limiti ta’ żona lokali li tkun speċifikata mill-awtorità kompetenti, permezz ta’

- (i) ajruplani bl-iskrun u b'magna waħda li jkollhom massa ta' tluq massima ċċertifikata ta' 5 700 kg jew inqas u MOPSC ta' 5; jew
- (ii) inġenji tal-ajru għajr ħelikopters b'magna kumplessa, b'magna waħda, b'MOPSC ta' 5.'
18. Fl-Anness III, il-paragrafu ORO.FC.105(d) jinbidel minn:  
'(d) Is-subparagrafu (ċ) ma għandux japplika fil-każ ta':
- (1) ajruplani bil-klassi ta' kapaċità B involuti fl-operazzjonijiet CAT taħt VFR matul il-ġurnata; u
  - (2) operazzjonijiet CAT tal-passiġġieri mwettqa taħt VFR matul il-ġurnata, li jibdeu u jintemmu fl-istess ajrudrom jew sit operattiv u b'tul massimu ta' 30 minuta, jew fil-limiti ta' żona lokali li tkun speċifikata mill-awtorità kompetenti, b'inġenji tal-ajru għajr ħelikopters b'magna kumplessa, b'magna waħda, b'MOPSC ta' 5.'
19. Fl-Anness III il-paragrafu ORO.FC.330(a), il-kliem 'jew operazzjoni CAT' jiżdied wara 'kompiti speċjalizzati'.
20. Fl-Anness III il-paragrafu ORO.CC.100(a), il-kliem "Għajr għal blalen tal-arja" jiżdied fil-bidu tal-aħħar sentenza.
21. Fl-Anness IV Subparti A – Rekwiżiti Ġenerali, tiddaħħal taqsima ġdida 'Taqsima 2 – Inġenji tal-ajru mhux motorizzati', kif inkluża fl-Anness I għal dan ir-Regolament.
22. Fl-Anness IV il-paragrafu CAT.OP.MPA.151, is-subparagrafu (b) jiġi numerat mill-ġdid bħala (ċ) u jiżdied subparagrafu (b) ġdid:  
'Minkejja (a), għal operazzjonijiet b'ajruplani kklassifikati bħala ELA2 li jitolqu u jillandjaw fl-istess ajrudrom jew sit operattiv, taħt VFR matul il-ġurnata, l-operatur għandu jisspeċifika l-kontenut minimu tal-karburant tar-riżerva finali fl-OM. Dan il-kontenut minimu tal-karburant tar-riżerva finali ma għandux ikun inqas mill-ammont meħtieġ għal titjira ta' 45 minuta.'
23. Fl-Anness IV Subparti B – Proċeduri Operattivi, tiddaħħal taqsima ġdida 'Taqsima 2 – Inġenji tal-ajru mhux motorizzati', kif inkluża fl-Anness I għal dan ir-Regolament.
24. Fl-Anness IV il-paragrafu CAT.POL.A.310, jiddaħħal subparagrafu (e) ġdid:  
'(e) Ir-rekwiżiti fil-punti (a)(3), (a)(4), (a)(5), (b)(2) u (ċ)(2) ma għandhomx ikunu applikabbli għal operazzjonijiet ta' VFR matul il-ġurnata.'
25. Fl-Anness IV Subparti Ċ – Limitazzjonijiet operattivi u l-prestazzjoni tal-inġenji tal-ajru, jiddaħħlu taqsimiet ġodda 'Taqsima 4 – Gliders' u 'Taqsima 5 – Blalen tal-arja', kif inklużi fl-Anness I għal dan ir-Regolament.
26. Fl-Anness IV Subparti D – Strumenti, dejta u tagħmir, jiddaħħlu taqsimiet ġodda 'Taqsima 3 – Gliders' u 'Taqsima 4 – Blalen tal-arja', kif inklużi fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

***Dħul fis-seħħ***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jibda japplika minn [l-għada li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

*Għall-Kummissjoni*

*[...]*

*Il-President*